SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

3 ta' Ottubru 2013 *

"Regolament (KE) Nru 44/2001 — Ġurisdizzjoni — Materji ta' delitt jew kważi delitt — Drittijiet tal-awtur — Mezz materjali li jirriproduċi xogħol protett — Tpoġġija fuq l-Internet — Determinazzjoni tal-post fejn seħħ id-dannu"

Fil-Kawża C-170/12,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Cour de cassation (Franza), permezz ta' deċiżjoni tal-5 ta' April 2012, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-11 ta' April 2012, fil-proċedura

Peter Pinckney

vs

KDG Mediatech AG,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn L. Bay Larsen, President tal-Awla, J. Malenovský, U. Lõhmus, M. Safjan (Relatur) u A. Prechal, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Jääskinen,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal P. Pinckney, minn J. de Salve de Bruneton, avukat

— għall-Gvern Franċiż, minn G. De Bergues u B. Beaupère-Manokha, bħala aġenti

— għall-Gvern Elleniku, minn S. Chala, bħala aġent,

— għall-Gvern Awstrijak, minn C. Pesendorfer, bħala aġent,

— għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna u M. Szpunar, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn A.-M. Rouchaud-Joët, bħala aġent,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2013,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42 , iktar 'il quddiem ir-"Regolament").

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn P. Pinckney, resident Franċiż, u KDG Mediatech AG (iktar 'il quddiem "Mediatech"), kumpannija stabbilita fl-Awstrija, dwar talba għad-danni minħabba l-ksur li din il-kumpannija ikkawżat għad-drittijiet tal-awtur ta' P. Pinckney.

Il-kuntest ġuridiku

Ir-Regolament

3 Il-premessi 2, 11, 12 u 15 tar-Regolament jiddikjaraw:

"(2) Ċerti differenzi bejn regoli nazzjonali li jirregolaw il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent ta' sentenzi jfixklu l-operat tajjeb tas-suq intern. Disposizzjonijiet biex jiġu unifikati r-regoli ta' kunflitt ta' ġurisdizzjoni f'materji ċivili u kummerċjali u sabiex jħaffu l-formalitajiet bl-iskop ta' għarfien malajr u sempliċi u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi minn Stati Membri marbuta b'dan ir-Regolament huma essenzali.

[…]

(11) Ir-regoli ta' ġurisdizzjoni għandhom jiġu mbassra minn qabel u stabbiliti fuq il-prinċipju li l-ġurisdizzjoni hija ġeneralment ibbażata fuq id-domiċilju tal-konvenut u l-ġurisdizzjoni għandha dejjem tkun disponibbli fuq dan il-lat ħlief għal ftit sitwazzjonijiet definiti sewwa li fihom is-suġġett tal-materja tal-litigazzjoni jew ta' awtonomija tal-partijiet tkun teħtieġ fattur differenti. Id-domiċilju ta' persuna ġuridika għandu jiġi definit b'awtonomija u b'hekk jagħmel ir-regoli komuni aktar trasparenti u jevita kunflitti ta' ġurisdizzjoni.

(12) B'żieda mad-domiċilju tal-konvenut, għandu jkun hemm bażi alternattiva ta' ġurisdizzjoni bbażata fuq rabta mill-qrib bejn il-qorti u l-azzjoni jew sabiex tkun iffaċilitata amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja.

[…]

(15) Fl-interessi tal-amministrazzjoni armoniżżata tal-ġustizzja huwa meħtieġ li titnaqqas il-possibiltà ta' proċedimenti simultanji u biex ikun assigurat li ma jiġux mogħtija ġudizzji rrikonċiljabbli f'żewġ Stati Membri. […]"

4 Ir-regoli dwar il-ġurisdizzjoni jinsabu fil-Kapitolu II tar-Regolament, jinkludu l-Artikoli 2 sa 31.

5 L-Artikolu 2(1) tar-Regolament, li jagħmel parti mis-Sezzjoni 1 tal-Kapitolu II, bit-titolu "Dispożizzjonijiet ġenerali", huwa fformulat kif ġej:

"Bla preġudizzju għal dan ir-Regolament, persuni b'domiċilju fi Stat Membru għandhom, independentament min-nazzjonalità tagħhom, jiġu mfittxija fil-qrati ta' dak l-Istat Membru."

6 L-Artikolu 3 tar-regolament, li jagħmel parti mill-istess sezzjoni, jistabbilixxi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Persuni domiċiljati fi Stat Membru jistgħu jiġi mfittxija fil-qrati ta' Stat Membru ieħor biss bis-saħħa tar-regoli mniżżla f'Sezzjonijiet 2 sa 7 ta' dan il-Kapitolu."

7 Taħt is-Sezzjoni 2 tal-Kapitolu II tar-Regolament, intitolat "Ġurisdizzjoni speċjali", jidher b'mod partikolari l-Artikolu 5 ta' dan. Il-punt 3 tal-Artikolu 5 jipprovdi:

"Persuna domiċiljata fi Stat Membru tista', fi Stat Membru ieħor, tkun imfittxijja:

[…]

3) f'materji li għandhom x'jaqsmu ma' tort, delitt jew kwasi delitt, fil-qrati tal-post fejn l-effett tal-ħsara jkun twettaq jew jista' jitwettaq."

Id-Direttiva 2001/29/KE

8 Id-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230), tinkludi Kapitolu II, intitolat "Drittijiet u eċċezzjonijiet", li fih jidher b'mod partikolari l-Artikoli 2 sa 4 ta' din id-direttiva li jirrigwardaw, rispettivament, id-dritt ta' komunikazzjoni ta' xogħlijiet lill-pubbliku u d-dritt li jagħmel disponibbli lill-pubbliku u suġġetti oħra protetti, kif ukoll id-dritt ta' distribuzzjoni.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

9 P. Pinckney, li jirrisjedi Toulouse (Franza), isostni li huwa l-awtur, il-kompożitur u l-interpretu ta' tnax-il kanzunetta rrekordjati mill-grupp Aubrey Small fuq diski tal-Vinyl.

10 Wara li skopra li dawn il-kanzunetti kienu ġew riprodotti mingħajr l-awtorizzazzjoni tiegħu fuq compact discs (CD) li ġew prodotti fl-Awstrija minn Mediatech, imbagħad kummerċjalizzati mill-kumpanniji Brittaniċi Crusoe jew Elegy permezz ta' siti differenti tal-internet aċċessibbli mir-residenza tiegħu f'Toulouse, huwa ħarrek fit-12 ta' Ottubru 2006 lil Mediatech quddiem it-tribunal de grande instance ta' Toulouse, bil-għan li jikseb il-kumpens għad-danni subiti minħabba l-ksur tad-drittijiet tiegħu tal-awtur.

11 Mediatech qajmet l-inkompetenza tal-qrati Franċiżi. Permezz ta' digriet tal-14 ta' Frar 2008, l-Imħallef tat-Tribunal de grande instance ta' Toulouse ċaħad din l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni peress li r-raġuni biss li P. Pinckney setgħa jixtri d-diski inkwistjoni mir-residenza tiegħu Franċiża, fuq sit tal-Internet miftuħ għall-pubbliku Franċiż, kien suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita rabta sostanzjali bejn il-fatti u l-allegati danni, li jiġġustifikaw il-ġurisdizzjoni tal-qorti li quddiemha tressqet il-kawża.

12 Mediatech appellat din is-sentenza, fejn sostniet li s-CDs kienu ġew prodotti fl-Awstrija, fejn din għandha s-sede tagħha, fuq talba ta' kumpannija Brittanika li kkumerċjalizzathom permezz ta' sit tal-Internet. B'hekk, skont din, għandhom ġurisdizzjoni biss, kemm il-qrati tal-post tar-residenza tal-konvenut, li jinsab fl-Awstrija, kif ukoll dawk tal-post fejn twettqu d-danni, jiġifieri dawk tal-post fejn id-danni attribwiti twettqu, jiġifieri r-Renju Unit.

13 Permezz ta' sentenza tal-21 ta' Jannar 2009, il-qorti tal-appell ta' Toulouse ċaħdet il-ġurisdizzjoni tat-tribunal de grande instance ta' Toulouse, peress li l-post tar-residenza tal-konvenut huwa l-Awstrija u li l-post fejn twettqu d-danni ma setgħux ikunu fi Franza, mingħajr ma jkun hemm ħtieġa li jiġu eżaminati r-responsabbiltajiet rispettivi ta' Mediatech u tal-kumpanniji Crusoe jew Elegy, minħabba l-allegata kompliċità ta' dawn tal-aħħar ma' Mediatech.

14 P. Pinckney ressaq appell ta' kassazzjoni kontra din is-sentenza fejn qajjem il-ksur tal-Artikolu 5(3) tar-regolament. Huwa sostna li l-ġurisdizzjoni tal-qorti Franċiża hija fondata u li r-rikors tiegħu ġie indebitament miċħud.

15 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Cour de cassation iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 5(3) tar-[regolament] għandu jiġi interpretat fis-sens li f'każ ta' allegat ksur tad-drittijiet tal-awtur imwettaq permezz ta' kontenut impoġġi fuq l-internet f'sit tal-internet,

— il-persuna li tqis li ġarrbet ksur għandha l-għażla li tressaq azzjoni għad-danni quddiem il-qrati ta' kull Stat Membru fit-territorju li fih kontenut impoġġi fuq l-internet huwa jew kien aċċessibbli, bil-għan li jinkiseb kumpens għas-sempliċi dannu kkawżat fit-territorju tal-Istat Membru tal-qorti li quddiemha qed titressaq il-kawża,

jew

— huwa barra minn hekk meħtieġ li dawn il-kontenuti jkunu jew kienu destinati lill-pubbliku li jinsab fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, jew għandu jkun hemm rabta oħra ċara?

2) Għandha tingħata l-istess risposta għad-domanda 1) jekk l-allegat ksur għad-drittijiet tal-awtur jirriżulta mhux mit-tpoġġija fuq l-internet ta' kontenut żmaterjalizzat, iżda, bħal fil-każ preżenti, mit-tpoġġija fuq l-internet ta' mezz materjali li jirriproduċi dan il-kontenut?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ammissibbiltà

16 Il-gvern Awstrijak qajjem l-inammissibbiltà tad-domandi preliminari. Dawn ikunu ipotetiċi fir-rigward taċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, peress li huma jikkonċernaw mhux l-att ta' riproduzzjoni mwettaq minn Mediatech, iżda atti ulterjuri ta' distribuzzjoni mwettqa mill-kumpanniji Brittaniċi kkonċernati. Ma jirriżultax mill-espożizzjoni tal-fatti għall-kawża prinċipali li Mediatech kienet organizzat id-distribuzzjoni tas-CDs permezz tal-imsemmija kumpanniji jew li huma kellhom xi rabta magħhom.

17 F'kull każ, skont dan il-gvern, l-ewwel domanda preliminari tkun inammissibbli, peress li din titlaq mill-premessa żbaljata li kontenut żmaterjalizzat, jiġifieri x-xogħol fih innifsu, ġie offrut fuq l-internet b'mod li l-offerta inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienet tirrigwarda biss mezz materjali li jirriproduċi dan il-kontenut.

18 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, ir-rifjut mill-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi fuq talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn qorti nazzjonali hija possibbli biss meta jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma għandha ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew, inkella, meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha punti ta' fatt u ta' dritt neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (sentenzi tal-11 ta' Settembru 2008, Eckelkamp *et*, C-11/07, Ġabra p. I-6845, punt 28, kif ukoll tal-20 ta' Ġunju 2013, Rodopi-M 91, C-259/12, punt 27).

19 Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li l-ġustifikazzjoni ta' domanda preliminari ma hijiex il-formulazzjoni ta' opinjonijiet konsultattivi fuq domandi ġenerali jew ipotetiċi, iżda l-ħtieġa inerenti għas-soluzzjoni effettiva ta' kawża (sentenza tat-2 ta' April 2009, Elshani, C-459/07, Ġabra p. I-2759, punt 42).

20 Fil-każ preżenti, huwa stabbilit li l-qorti tar-rinviju qiegħda tittratta allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet tal-awtur li jirriżulta mill-offerta online ta' mezz materjali li jirriproduċi xogħol protett u li l-kwistjoni dwar jekk il-qrati Franċiżi għandhom ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedu dwar din l-allegazzjoni li hija s-suġġett tal-kawża prinċipali. Fid-dawl ta' dawn il-provi kollha li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja, jidher fil-fatt li l-andament ta' din il-kawża tiddependi fuq ir-risposta mogħtija għad-domandi preliminari, li barra minn hekk iwasslu għal formulazzjoni mill-ġdid.

21 Konsegwentement, id-domandi preliminari huma ammissibbli.

Fuq il-mertu

22 Permezz tad-domandi tagħha, li hemm lok li jiġu fformulati mill-ġdid, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 5(3) tar-regolament għandux jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ ta' allegat ksur għad-drittijiet tal-awtur protetti mill-Istat Membru tal-qorti li qiegħda tittratta l-kawża, din għandha ġurisdizzjoni sabiex tittratta kawża dwar responsabbiltà mressqa mill-awtur ta' xogħol fir-rigward ta' kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor u li rriproduċiet fih, l-imsemmi xogħol fuq mezz materjali li huwa sussegwentement mibjugħ, permezz ta' kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru terz, permezz ta' sit tal-Internet aċċessibbli wkoll fil-kuntest tal-ġurisdizzjoni tal-qorti li quddiemha titressaq il-kawża.

23 Sabiex tingħata risposta għal dawn id-domandi, ta' min ifakkar mill-bidu li, minn naħa, id-dispożizzjonijiet tar-regolament għandhom jiġu interpretati b'mod awtonomu, filwaqt li jsir riferiment għas-sistema u għall-għanijiet tiegħu (sentenza tas-16 ta' Mejju 2013, Melzer, C-228/11, punt 22 u ġurisprudenza ċċitata).

24 B'deroga għall-prinċipju fundamentali msemmi fl-Artikolu 2(1) tar-regolament, li jagħti ġurisdizzjoni lill-qrati tal-Istat Membru fit-territorju tar-residenza tal-konvenut, il-Kapitolu II, Sezzjoni 2, ta' dan ir-regolament jipprovdi ċertu numru ta' għoti ta' ġurisdizzjoni speċjali, li fosthom tidher dik prevista fl-Artikolu 5(3) ta' dan ir-regolament (sentenza Melzer, iċċitata iktar 'il fuq, punt 23).

25 Sa fejn il-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-post fejn twettaq il-fatt li kkawża dannu, jew hemm ir-riskju li jitwettaq, tikkostitwixxi regola ta' ġurisdizzjoni speċjali, din għandha tiġi interpretata b'mod restrittiv u ma tistax tiġi interpretata b'mod li jmur lil hinn mill-każijiet previsti b'mod espliċitu mill-imsemmi regolament (sentenza Melzer, iċċitata iktar 'il fuq, punt 24).

26 Il-fatt jibqa' li l-espressjoni "post fejn l-effett tal-ħsara jkun twettaq" li tinsab fl-Artikolu 5(3) tar-regolament tirrigwarda, fl-istess ħin, kemm il-post fejn immaterjalizza ruħu d-dannu kif ukoll il-post fejn seħħ l-aġir li kkawża dan id-dannu, b'mod li l-konvenut ikun jista' jiġi mfittex, fuq l-għażla tar-rikorrent, quddiem il-qorti ta' wieħed jew l-ieħor minn dawn iż-żewġ postijiet (sentenza Melzer, iċċitata iktar 'il fuq, punt 25).

27 F'dan ir-rigward, hija ġurisprudenza stabbilita li r-regola ta' ġurisdizzjoni stabbilita fl-Artikolu 5(3) tar-regolament hija bbażata fuq l-eżistenza ta' rabta partikolarment stretta bejn l-ilment u l-qorti tal-post fejn twettaq jew jista' jitwettaq il-fatt dannuż, u li b'hekk tiġġustifika l-attribuzzjoni tal-ġurisdizzjoni lil din tal-aħħar għal raġunijiet ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u l-organizzazzjoni xierqa tal-proċeduri (sentenza Melzer, iċċitata iktar 'il fuq, punt 26).

28 L-identifikazzjoni ta' wieħed mill-fatturi determinanti rikonoxxuti mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 26 ta' din is-sentenza li għandha tippermetti li tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni tal-qorti li oġġettivament hija fl-aħjar pożizzjoni sabiex tevalwa jekk l-elementi li jikkostitwixxu r-responsabbiltà tal-persuna mharrka humiex sodisfatti, tista' ssir biss quddiem il-qorti li quddiemha titressaq il-kawża sabiex tiddetermina l-fatturi ta' determinazzjoni relevanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2012, Folien Fischer u Fofitec, C-133/11, punt 52).

29 Għandu jingħad ukoll li, fil-każ preżenti, kuntrarjament għaċ-ċirkustanzi li wasslu għas-sentenza Melzer, iċċitata iktar 'il fuq, il-kawża prinċipali ma tirrigwardax il-possibbiltà li tressaq, quddiem il-qorti li quddiemha titressaq il-kawża, wieħed mill-awturi li huma meqjusa li wettqu d-dannu allegat skont il-post fejn seħħ l-avveniment kawżali. Huwa fil-fatt stabbilit li dan l-aħħar imsemmi post ma jaqax fil-ġurisdizzjoni tal-qorti li quddiemha titressaq il-kawża minn P. Pinckney. Min-naħa l-oħra tqum il-kwistjoni dwar jekk din il-qorti għandhiex ġurisdizzjoni għall-materjalizzazzjoni tad-dannu allegat.

30 B'hekk hemm lok, konkretament, li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet li fihom, għall-ħtiġijiet tal-Artikolu 5(3) tar-regolament, id-dannu li jirriżulta minn ksur allegat tal-drittijiet tal-awtur iseħħ jew jista' jseħħ fi Stat Membru ieħor minn dak fejn il-konvenut irriproduċa xogħol tal-awtur fuq mezz materjali li huwa sussegwentement mibjugħ minn sit tal-Internet aċċessibbli wkoll li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-qorti.

31 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà interpretat l-Artikolu 5(3) tar-regolament fil-każ ta' allegazzjonijiet ta' ksur imwettqa permezz tal-internet u li jistgħu, minħabba dan il-fatt, iseħħu f'postijiet differenti (ara s-sentenzi tal-25 ta' Ottubru 2011, eDate Advertising u Martinez, C-509/09 u C-161/10, Ġabra p. I-10269, kif ukoll tad-19 ta' April 2012, Wintersteiger, C-523/10).

32 Mill-imsemmija ġurisprudenza jirriżulta li, l-ewwel nett, il-post fejn immaterjalizza ruħu d-dannu fis-sens ta' din id-dispożizzjoni jista' jvarja skont in-natura tad-dritt allegatament miksur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Wintersteiger, iċċitata iktar 'il fuq, punti 21 sa 24).

33 It-tieni nett, ir-riskju li dannu jseħħ fi Stat Membru partikolari huwa suġġett għall-fatt li d-dritt li huwa allegatament miksur ikun protett f'dan l-Istat Membru (ara s-sentenza Wintersteiger, iċċitata iktar 'il fuq, punt 25).

34 Fl-aħħar, it-tielet nett, minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li, b'mod konformi mal-għanijiet imsemmija fil-punt 27 tas-sentenza preżenti, l-identifikazzjoni tal-post fejn immaterjalizza ruħu d-dannu sabiex il-ġurisdizzjoni tiġi attribwita lil qorti sabiex tiddeċiedi dwar allegazzjoni ta' ksur f'materji ta' delitt jew kważi delitt jiddependi wkoll fuq jekk qorti hijiex l-aħjar sabiex tiddeċiedi dwar il-mertu tal-ksur allegat (sentenzi ċċitati eDate Advertising u Martinez, punt 48, kif ukoll Wintersteiger, punt 27).

35 Skont dawn il-prinċipji, il-Qorti ddistingwiet, għal dak li jirrigwarda l-identifikazzjoni tal-post fejn immaterjalizza ruħu d-dannu allegatament ikkawżat permezz tal-internet, bejn il-ksur għad-drittijiet tal-personalità u dawk tad-dritt tal-proprjetà intellettwali u industrijali.

36 B'hekk, l-allegata vittma ta' ksur tad-drittijiet tal-personalità mwettqa permezz ta' kontenut impoġġi fuq l-internet, protett fl-Istati Membri kollha, tista', skont il-materjalizzazzjoni tad-dannu, tressaq azzjoni għal responsabbiltà quddiem il-qrati ta' kull Stat Membru li fit-territorju tiegħu l-imsemmi kontenut huwa aċċessibbli jew kien aċċessibbli. Dawn għandhom ġurisdizzjoni sabiex jittrattaw danni kkawżati fit-territorju tal-Istat Membru tal-qorti li quddiemha titressaq il-kawża (ara s-sentenza eDate Advertising u Martinez, iċċitata iktar 'il fuq, punt 52). Barra minn hekk, peress li l-impatt ta' ksur imwettaq minħabba kontenut impoġġi fuq l-internet ta' drittijiet tal-personalità ta' persuna jista' jkun mifhum l-aħjar mill-qorti tal-post fejn din il-persuna għandha ċ-ċentru tal-interessi tagħha, l-allegata vittma tista' tagħżel li tiġi adita, għad-danni kollha kkawżati, qorti ta' dan il-post (sentenza eDate Advertising u Martinez, iċċitata iktar 'il fuq, punt 48).

37 Min-naħa l-oħra, l-allegazzjoni ta' ksur għal dritt tal-proprjetà intellettwali u industrijali, fejn il-protezzjoni mogħtija minn att ta' reġistrazzjoni hija limitata għat-territorju tal-Istat Membru ta' reġistrazzjoni, għandha titressaq quddiem il-qrati ta' dan. Fil-fatt, huma l-qrati tal-Istat Membru ta' reġistrazzjoni li huma l-aħjar sabiex jevalwa jekk effettivament ġiex ippreġudikat id-dritt inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, fir-rigward tat-trade marks nazzjonali, is-sentenza Wintersteiger, iċċitata iktar 'il fuq, punti 25 u 28).

38 Hemm lok li jiġi vverifikat b'liema mod il-prinċipji msemmija iktar 'il fuq japplikaw għall-allegazzjonijiet ta' ksur għad-drittijiet tal-awtur.

39 L-ewwel nett, għandu jingħad li d-drittijiet tal-awtur huma ċertament suġġetti, bħal fil-każ tad-drittijiet relatati ma' trade mark nazzjonali, għall-prinċipju tat-territorjalità. L-imsemmija drittijiet patrimonjali għandhom madankollu jkunu protetti, b'mod partikolari minħabba d-Direttiva 2001/29, b'mod awtomatiku fl-Istati Membri kollha, sa fejn jistgħu jinkisru, rispettivament, f'kull wieħed minnhom, skont id-dritt materjali applikabbli.

40 F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat mill-bidu li l-kwistjonijiet dwar jekk, minn naħa, il-kundizzjonijiet li fihom dritt protett fl-Istat Membru tal-qorti li tkun qed tisma' l-kawża jista' jkun ikkunsidrat li nkiser u, min-naħa l-oħra, jekk dan il-ksur jistax jiġi attribwit lill-konvenut rilevanti tal-eżami fuq il-mertu mill-qorti li għandha ġurisdizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Wintersteiger, iċċitata iktar 'il fuq, punt 26).

41 Fil-fatt, fi stadju tal-eżami tal-ġurisdizzjoni ta' qorti sabiex tittratta kawża dwar danni, l-identifikazzjoni tar-rabta tal-materjalizzazzjoni ta' din fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-regolament ma jiddependix fuq il-kriterji li huma xierqa għall-imsemmi eżami tal-mertu u ma jidhrux f'din id-dispożizzjoni. Din fil-fatt ma tipprovdix, bħala kundizzjoni unika, il-fatt li jkun seħħ dannu jew li jkun hemm riskju li jseħħ.

42 B'hekk, kuntrarjament għall-Artikolu 15(1)(ċ) tar-Regolament, li ġie interpretat fis-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2010, Pammer u Hotel Alpenhof (C-585/08 u C-144/09, Ġabra p. I-12527), l-Artikolu 5(3) ta' dan ir-regolament ma jeħtieġx, b'mod partikolari, li din l-attività inkwistjoni tkun "diretta lejn" l-Istat Membru tal-qorti li quddiemha titressaq il-kawża.

43 B'hekk jirriżulta li fir-rigward tal-ksur allegat ta' dritt tal-awtur, il-ġurisdizzjoni sabiex tittratta kawża dwar delitt jew kważi delitt hija diġà stabbilita, favur il-qorti li quddiemha titressaq il-kawża, peress li l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tinstab din il-qorti jipproteġi d-drittijiet patrimonjali li l-applikant igawdi u li hemm ir-riskju li d-dannu allegat iseħħ fil-ġurisdizzjoni tal-qorti li quddiemha titressaq il-kawża.

44 F'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-imsemmi riskju jirriżulta, b'mod partikolari, mill-possibbiltà li wieħed jikseb, permezz ta' sit tal-Internet aċċessibbli fil-ġurisdizzjoni tal-qorti li quddiemha titressaq il-kawża, riproduzzjoni tax-xogħol li magħhom huma konnessi d-drittijiet invokati mill-applikant.

45 Min-naħa l-oħra, peress li l-protezzjoni mogħtija mill-Istat Membru tal-qorti li quddiemha titressaq il-kawża tapplika biss għat-territorju tal-imsemmi Stat Membru, il-qorti li quddiemha titressaq il-kawża għandha ġurisdizzjoni biss sabiex tiddeċiedi dwar id-dannu kkawżat fit-territorju tal-Istat Membru li tiegħu tkun tagħmel parti.

46 Fil-fatt, jekk din il-qorti kellha wkoll ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar danni kkawżati fit-territorji ta' Stati Membri oħra, hija kieku tieħu post dawn il-qrati ta' dawn l-istati, b'mod li dawn tal-aħħar, bħala prinċipju, għandhom ġurisdizzjoni fir-rigward tal-Artikolu 5(3) tar-regolament u tal-prinċipju tat-territorjalità, sabiex jitrattaw id-dannu kkawżat fit-territorju tal-Istat Membru rispettiv tagħhom, u li huma fl-aħjar pożizzjoni, minn naħa, sabiex jevalwaw jekk effettivament humiex jinkisru d-drittijiet tal-awtur protetti mill-Istat Membru kkonċernat u, min-naħa l-oħra, sabiex tiġi stabbilita n-natura tad-dannu li ġiet ikkawżata.

47 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, hemm lok li tingħata risposta għad-domandi li saru li l-Artikolu 5(3) tar-regolament għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ ta' allegat ksur għad-drittijiet tal-awtur protetti mil-Istat Membru tal-qorti li quddiemha titressaq il-kawża, din għandha ġurisdizzjoni sabiex tittratta azzjoni sabiex tiġi kkonstatata r-responsabbiltà mressqa mill-awtur ta' xogħol kontra kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor u li, f'dan l-Istat, irriproduċiet l-imsemmi xogħol fuq mezz materjali li sussegwentement jinbiegħ minn kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru terz, permezz ta' sit tal-Internet aċċessibbli wkoll fil-ġurisdizzjoni tal-qorti li quddiemha tressqet il-kawża. Din il-qorti għandha ġurisdizzjoni biss sabiex tiddeċiedi dwar id-dannu kkawżat fit-territorju tal-Istat Membru fejn hija tinsab.

Fuq l-ispejjeż

48 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 5(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ ta' allegat ksur għad-drittijiet tal-awtur protetti mil-Istat Membru tal-qorti li quddiemha titressaq il-kawża, din għandha ġurisdizzjoni sabiex tittratta kawża dwar responsabbiltà mressqa minn l-awtur ta' xogħol kontra kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor u li, f'dan l-istat, ġie riprodott l-imsemmi xogħol fuq mezz materjali li huwa sussegwentement mibjugħ minn kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru terz, permezz ta' sit tal-Internet aċċessibbli wkoll fil-ġurisdizzjoni tal-qorti li quddiemha titressaq il-kawża. Din il-qorti għandha ġurisdizzjoni biss sabiex tiddeċiedi dwar id-dannu kkawżat fit-territorju tal-Istat Membru li jappartjeni lilu.

Firem